TAL-PIETA`

MINUTI

Id-disa' Legislatura - SEDUTA Nru. 20

L-Erbgha, 4 ta' Frar, 2026

Il-Kunsill Lokali ta' Tal-Pieta` ltaqa' fl-Ufficcju tieghu, 11, Il-Pellikan, Triq K. Mifsud, Tal-Pieta` fil-5.00 p.m.

PREZENTI

Kienu prezenti s-Sindku Stefano Savo, il-Vici Sindku Saviour Azzopardi u l-Kunsillieri, Colin Bowman, Ryan Douglas Tanti, Charles Grech u Mark Pisani.

Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

1. MINUTI

1.1 Il-minuti tas-Seduta Nru. 19 li saret nhar l-Erbgha, 7 ta' Jannar, 2026, kienu approvati.

2. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI

2.1 Il-Kunsillier Josef Fitzpatrick informa li kien xoghol u ghalhekk gie skużat.

3 HWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

3.1 ***Electric Van***. Is-Sindku informa li l-Bord tat-Tenders kien iltaqa' u l-offerta li rċieva l-Kunsill kellha kollox sew. Dan gie awarded u issa ghalaq ukoll il-prjodu tal-appell. L-electric van ser ikun Citroen Berlingo, 5 seater bi prezz ta' €33,220.90 + VAT u fakkar li €15,000 gejjin minn skema tar-Regjun.

4 LAQGHA TAL-LOKALITA`

4.1 Kien hemm qbil li l-Laqgha tal-Lokalita` issir wara s-seduta tal-Kunsill li jmiss u cioe` nhar l-Erbgha, 4 ta' Marzu fis-6.00pm.

5 PERFORMANCE BONUS TAL-IMPJEGATI GHAS-SENA 2025

5.1 Il-Kunsill unanimament approva r-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Ezekuttiv sabiex l-impjegati Sharon Cristina, Christine Spiteri u Stefano Persiano jinghataw il-massimu tal-Performance Bonus u cioe` 10%. Il-Kunsill approva wkoll unanimament il-massimu tal-Performance Bonus u cioe` 10% tas-Segretarju Ezekuttiv.

6 LEAVE PENDENTI MIS-SENA 2025 TAL-IMPJEGATI

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li kien ghad fadallu 78 siegha ta' *vacation leave* mis-sena 2025 u li ma kienx utilizza. Il-Kunsill unanimament approva li dan in-numru ta' sieghat jigi akkumulat mal-*vacation leave* tas-sena 2026.

6.2 Gew approvati wkoll 29 siegha leave pendenti tas-Sinj. Sharon Cristina

7 UNAUDITED FINANCIAL STATEMENTS GHAS-SENA 2025

7.1 Tressqu quddiem il-Kunsill l-Unaudited Financial statements ghas-sena 2025 (Appendici A). Wara diskussjoni li saret dwarhom, b'mod unanimu gew approvati dawn l-Unaudited

Financial Statements. Gie nnutat u spjegat kif il-Kunsill spicca b'Operating Profit ta'€92,149 ghal din is-sena fl-iStatement of Profit and Loss u kellu bilanc pozittiv fil-Working Capital.

8 ESTIMI TAD-DHUL U HRUG GHAS-SENA 2026

8.1 Tressqu quddiem il-Kunsill l-Estimi tad-Dhul u Hrug ghas-sena 2026 (Appendici B). Wara diskussjoni li saret dwarhom, b'mod unanimu gew approvati dawn l-Estimi tad-dhul u Hrug.

9 KORRISPONDENZA

9.1 ***PC 0078/25 Application for the Alignment of Sqaq Zawri:*** Xi żmien ilu kien hemm applikazzjoni biex jinbena dan l-isqaq pubbliku u l-Kunsill kien oġġezzjona. Issa l-izviluppatur irid jaghmel alignment ma' quddiem tal-isqaq. Kien hemm qbil unanimu li la dan huwa meqjus bhala 'Public Alley', il-Kunsill ghandu joġġezzjona ghal din l-applikazzjoni.

9.2 ***PA 0697/26 Application for Gymnasium fi Triq ix-Xatt:*** Residenti kienu ressqu xi lmenti dwar inkonvenjenzi li tali post jista' johloq fosthom problemi ta' parking u storbju minn tisbit tal-weights. Kien hemm qbil li dan huwa kaz ċivili u privat u ghalhekk il-Kunsill m'ghandux jidhol fih.

10 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

10.1 **Statistika dwar l-iskart**: Is-Sindku ghadda statistika mir-Regjun dwar skart miġbur.

10.2 **Regional Football Tournament**: Is-Sindku informa li se jerga' jsir tournament tal-football bejn il-clubs kollha li hawn fir-Regjun, inkluż il-Pieta FC. Dan ser isir fil-11 t'April u ser jintghazlu numru ta' grounds biex fihom isir il-loghob.

10.3 **Campus Read**: Is-Sindku informa li l-Kunsill Regjonali Lvant ser ikun qieghed jorganizza fiera tal-kotba ġewwa l-Campus tal-Universita` fil-25 t'April.

10.4 **Regional Arborist Service**: Is-Sindku informa li l-Kunsill Reġjonali Lvant kien se joffri s-servizz ta' arborista lill-Kunsilli tar-Regjun. Kull Kunsill jista' jaghmel uzu minn dan is-servizz sa tliet darbiet fis-sena.

10.5 **LVANt**: Is-Sindku qal li bhas-sena l-ohra, ir-Regjun se jerga' jaghmel l-attivitajiet permezz tal-van. Ghan-nom tal-Kunsill, wera l-interess li terga' ssir attività` ġewwa Tal-Pieta`, simili ghal dik li saret is-sena l-ohra u li kienet suċċess.

10.6 **Public meeting fuq il-permessi tal-PA fi Triq Santa Monika**: Is-Sindku qal li gie mitlub sabiex issir laqgha pubblika dwar l-applikazzjonijiet tal-PA dwar Triq Santa

Monika u sabiex issir spjegazzjoni dwar il-proposta tal-Kunsill ghall-estensjoni tal-UCA. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

10.7 Tal-Pieta` Community Streets: Is-Sindku qal li diġà kien hemm qbil biex tinghalaq triq partikolari ghal madwar erba' sieghat il-Hadd filghodu u fihom isiru attivitajiet ghat-tfal bl-ghajnuna tal-NGO Dawra Madwarna. L-ispejjez ghal Kunsill huma minimi bhal Risk Assessment u Insurance Policy. L-ewwel attivita' ser issir fi Triq Hookham Frere bejn Telghet Gwardamangia sad-dahla tal-garages qabel tohrog ghal Triq Santa Monika. It-tieni attività` hija mahsuba li ssir fi Triq Zammit Clapp mill-gibjun sa Sqaq Nru. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

11 MISTOQSIJIET

11.1 Il-Kunsillier Bowman staqsa jekk jistax isir xi haġa quddiem il-Villa tar-Regina minhabba li kienu tnehhew numru ta' parkeġġi minhabba xi scaffolding li se jintrema mal-faccata. Is-Sindku wieġeb li kif kien spjega f'laqghat preċedenti, dawn tnehhew temporanjament sakemm jitlesta x-xoghol fil-Villa tar-Reginaminhabba l-wisgha tat-triq ma kenitx tippermetti li dawn jibqghu hemm, skont policies eżistenti. Ghalhekk il-Kunsill ma kellux mod li joġġezzjona u kien hemm ukoll approvazzjoni minn TM.

11.2 Il-Kunsillier Grech qal li hemm 4 madumiet maqlugha minn quddiem il-garage ta' Blackley u fanal quddiem il-Kappella tad-Duluri li hu mghawweg.

11.3 Il-Kunsillier Grech staqsa wkoll meta se jibda x-xoghol fil-playingfield. Is-Segretarju Ezekuttiv wieġeb li hu infurmat minn Project Green li x-xoghol se jibda fil-granet li gejjin.

11.4 Il-Kunsillier Grech semma wkoll il-bzonn li jinzabru zewg sigar, wahda fi Triq Zammit Clapp u ohra f' Telghet Gwardamanga. Is-Sindku wiegeb li dawn qeghdin fi proprjetajiet privati u huwa difficli li jinzabru. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill prova jsib kuntatt tas-sidien izda dan ghadu ma nstabx.

11.5 Il-Kunsillier Grech staqsa jekk hux se jerga' jsir kollox kif kien fl-area ta' Satariano u l-Kappella tad-Duluri. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dan ix-xoghol qed isir minn IM u skond kif infurmati mill-istess IM, ghandu jerga' jsir kollox kif kien.

12 AWTORIZAZZJONI GHAX-XIRI TA' OGGETTI/SERVIZZI

12.1 Van ghal haddiema: Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-van li jużaw il-haddiema tal-maintenance kien qed ikollu hafna problemi u ta' sikwit ikollu bżonn il-maintenance. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jiltaqa' ma' van second hand, jingiebu l-kwotazzjonijiet u dan ikun jista' jintuża biex iwassal lin-nies b'mod temporanju sakemm jasal l-electric van il-gdid li ser ikun qed iwassal lin-nies. Wara, dan jintuza mill-haddiema tal-maintenance. Kien hemm qbil unanimu dwar dan

13 APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

13.1 Is-Sindku ssekondat mill-Vici Sindku, ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 19. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con.*

14. TMIEM

14.1 Fis-7.00pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgha, 4 ta' Marzu, 2026, fil-5.00pm.

Simon Cauchi
Segretarju Ezekuttiv

Konfermati:

Stefano Savo
Sindku